# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** - Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270 Tel/Fax: 21802707
e.mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt


11 ta' Novembru, 2010

# Minuti tal-laqgha 50(05)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal-laqgha numru 50(05) fil-Berga ta' Franza nhar it-Tnejn 1 ta' Novembru, 2010 fil-5:00 ta' filghaxija.

Is-Sindku s-sur John Boxall, qal li l-laqgha ma saritx il-Hamis 28 ta' Ottubru, 2010, minhabba li ma kienx hemm quorum

## Prezenti

Is-Sur John Boxall - Sindku, s-Sinjura Miriam Grech - Kunsilliera u s-Sinjura Judith Saliba – Kunsilliera.

Il-Vici Sindku, s-sur Christopher Cassar kien assenti filwaqt li s-Sur Ivan Peresso – Kunsillier kien skuzat minhabba ragunijiet ta' xoghol.

## Talba

Is-Sindku, s-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu ghal-laqgha.

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-laqgha 49(05) ittiehdu bhala moqrija.

1.1 Item 1.3 (49/05) – Applikazzjoni ghal premijiet nazzjonali ghall-apogg lill-intraprizi



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

Is-Sindku pprezenta kopja ta' l-applikazzjoni li giet sottomessa min-naha tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ghal Premju Nazzjonali ghall-appogg lill-intraprizi.

1.2 Item 2.4(49/05) Kwotazzjoni ghas-sistema ta' CCtv camera fil-binja amministrattiva tal-Kunsill

Is-Sindku pprezenta l-kwotazzjoni minghand il-kumpanija "Fomenco – safety and security" ghal sistema ta' CCtv camera fil-binja amministrattiva tal-Kunsill fit-totalita taghha ghal ammont ta' € 865.70. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova din il-kwotazzjoni, il-Kunsilliera Miriam Grech issekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.3 Item 7 (49/05) Il-progett "Traditional Music and Instruments – Connecting Cultures

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, talab lis-Segretarja Ezekuttiva sabiex taghmel kjarifika tal-budget ta' dan il-progett peress li huwa wiehed gholi. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.4 Item 8 (49/05) Prezentazzjoni tal-budget ghas-sena finanzjarja 2010

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li bhalissa qieghed issir internal audit fil-Kunsill Lokali tal-Birgu, mil-Internal Audit Office fi hdan l-ufficju tal-Prim Ministru

1.5 Item 9.2 (49/05) Walled Towns Friendship Circle

Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li sa issa l-Kunsill ghadu ma rcieva l-ebda risposta min-naha tal-Walled Towns Friendship Circle

## 2 Korrispondenza

2.1 Ittra minghand "FrotArtna", fejn din l-assocjazzjoni nfurmat lil Kunsill Lokali tal-Birgu li hija x-xewqa taghhom li kull nhar ta' Sibt bejn id-disgha ta' filghodu u l-erbgha ta' wara nofsinhar, gewwa l-Birgu jibda jittella' "Farmer's market", liema suq jibda jitella' min nhar is-Sibt 6 ta' Novembru, 2010. Wara diskussjoni, is-Sindku, s-sur John Boxall qal li filwaqt li l-Kunsill jaqbel mal-kuncett, hu jissugerixxi sabiex issir laqghha ma' l-membri ta' din l-assocjazzjoni sabiex jigi diskuss iktar fid-dettal dan is-suq kif ukoll il-post fejn ghandu jittella'. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.2 Is-Sindku pprezenta ittra mis-Sur Tonio Hili mibghuta ghan-nom tal- Cottonera WaterFront Group, fejn talab sabiex issir dawl adekwat fit-tarag li hemm bejn Triq San Lawrenz u Xatt ir-Rizq. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.3 Is-Sindku s-sur John Boxall, informa lil Kunsilliera prezenti li l-applikazzjoni ghar-restawr tan-nicca tal-Madonna tal-Karmnu, iddahlat il-MEPA.

2.4 Is-Sindku pprezenta kopja ta' l-applikazzjoni ghal-iskema ta' l-inizjattivi sportivi ghas-sena 2011 ghal attenzjoni tal-Kunsilliera.



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

2.5 Is-sur John Boxall, Sindku, pprezenta ghal attenzjoni tal-Kunsilliera prezenti kopja ta' l-applikazzjoni ghan-nom tal-Kunsill ghal "Premju Gieh l-Artigjanat".

2.6 Is-Sindku, pprezenta ghal attenzjoni tal-Kunsilliera, kopja ta' l-applikazzjoni ghal "Community Involvement Award".

2.7 Is-Sindku pprezenta talba mis-sur Kenneth De Martino, Chairman ta' l-Kumitat Organizzattiv tal- "President's Award Scheme – Malta Forum 2012" li ser issir f'Malta bejn l-21 u l-25 ta' Novembru, 2012 u li ghalih ser jattendi l-Princep Edward, sabiex il-Gimgha 23 ta' Novembru, 2012, titella' attivita fil-Belt tal-Birgu. Wara diskussjoni, S-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' din it-talba u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.8 Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera prezenti li c-cerimonja ta' l-Premju Zghazugh tas-Sena 2010, mil-Fondazzjoni OASI ser issir is-Sibt 20 ta' Novembru, 2010, gewwa l-Hotel ta' Cenc, Ghawdex u ghaldaqstant il-kunsilliera prezenti, unanimament qablu sabiex is-Sindku jippartecipa ghal din ic-cerimonja.

2.9 Is-Sindku pprezenta kopja ta' l-applikazzjoni li l-Kunsill Lokali tal-Birgu rcieva ghal estenzjoni tal-muzew Malta fil-Gwerra f'Couvre Porte li giet sottomessa l-MEPA. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-Kunsill ghamel mistoqsija lis-Sur Mario Farrugia, Executive Chairman tal-Fondazzjoni Wirt Artna, dwar jekk fl-applikazzjoni sottomessa saritx talba biex isiru mwejjed u siggijiet barra fiz-zona' ta' Couvre Porte. Is-Sindku pprezenta r-risposta mibghuta mis-sur Mario Farrugia, ghal attenzjoni tal-Kunsill.

## 3 <u>Hinijiet Godda tal-ftuh tal-librerija regjonali</u>

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil kunsilliera prezenti li sar ftehim mal-librar is-sur Joseph Gauci, sabiex kull nhar ta' GImgha filghaxija l-Librerija Regjonali fil-Birgu, ser tkun miftuha ghal pubbliku mis-saghtejn ta' wara nofsinhar sat-tmienja ta' filghaxija. Is-Sindku zied jghid li dan is-servizz ser jibda jinghata min nhar il-Gimgha 5 ta' Novembru, 2010.

## 4 <u>Rendikont ta' l-attivita tal-BirguFest 2010</u>

Is-Sindku s-sur John Boxall, qal li l-attivita tal-BirguFest 2010 kienet ta' success kbir u pprezenta ghal attenzjoni tal-Kunsilliera prezenti l-spejjez inkonessjoni ma' din l-attivita. Is-Sindku zied jghid li fil-laqgha tal-Kunsill li jmis ser jigi pprezentat rendikont f'aktar dettal ta' din l-attivita.

## 5 <u>Zviluppi dwar il-progett tal-"Gnien Pubbliku" fuq tal-Hawli</u>

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lill-Kunsilliera prezenti li saret laqgha mal-Perit ta' dan il-progett, il-perit Duncan Mifsud, kif ukoll mal-Perit tal-KNPD, l-Perit Joseph Bonello sabiex

isiru l-arrangamenti mehtiega u mitluba min-naha tal-KNPD u l-emendi fil-pjanti jigu sottomessi l-MEPA.

Hawnhekk is-Sindku qal li fil-jiem li gejjien il-Kunsill ser ikollhu laqgha mad-Dipartiment ta' l-Artijiet dwar it-tkomplija ta' dan il-progett.

## 6 Taghrif dwar l-attivita tal-« Festival tal-loghob Tradizzjonali Malti »

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, ta rendikont tal-preparamenti ghal attivita tal-Festival tal-Loghob Tradizzjonali Malti li ser issir nhar il-Hadd 14 ta' Novembru, 2010. Is-sindku fakkar lil kunsilliera prezenti li nhar it-Tnejn 8 ta' Novembru, 2010, ser issir laqgha ghal volontiera kollha ghal din l-attivita.

## 7 Taghrif dwar il-konferenza "CEN/CWA – Guidelines for sustainable development of historical and cultural cities - Qualicities

Is-Sindku ta rendikont tal-konferenza li hu flimkien mas-Segretarja Ezekuttiva attendew ghaliha gewwa Brussel fil-Belgju li saret it-Tnejn 25 ta' Ottubru, 2010.

## 8 Sparar min fuq il-Bejt tal-Knisja tal-Karmnu

Is-Sindku pprezenta ittra li ntbaghtet lis-Supretendent s-sur Carmel Bartolo, dwar l-isparar li sar min fuq il-bejt tal-knisja tal-Karmnu nhar l-Erbgha 20 ta' Ottubru,2010 li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ma kienx nfurmat dwar. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li ntbghatet ittra mil-avukat Dr. Karl Briffa ghan-nom tas-sur Noel Castillo.

## 9 Affarijiet Ohra

9.1 Is-Sindku pprezenta ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mill-Kunsill. Wara diskussjoni, s-Sindku ssuggerixxa sabiex din il-lista tigi approvata. Il-kunsilliera Miriam Grech issekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

9.2 Il-Kunsilliera Miriam Grech, talbet lis-Segretarja Ezekuttiva sabiex issir rendikont tal-progett « Beyond Signs in the City ». Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgha ntemmet fil-7:00 ta' filghaxija u gie deciz li l-laqgha li jmis issir nhar it-Tnejn 22 ta' Novembru fil-hamsa u nofs ta' filghaxija

| | |
|---|---|
| Christine Bonello | ikkonfermati John Boxall |
| Segretarja Ezekuttiva | Sindku |



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva